VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 22 tal-2020

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Regoli tal-2020 li jemendaw ir-Regoli dwar Tnaqqis (Dħul minn Impjieg)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 14(2) u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru għall-Finanzi għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli tal-2020 li jemendaw ir-Regoli dwar Tnaqqis (Dħul minn Impjieg), u dawn ir-regoli għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli dwar Tnaqqis (Dħul minn Impjieg), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regoli prinċipali". L.S. 123.149.

(2) Dawn ir-regoli għandhom jidħlu fis-seħħ b'effett mis-sena ta' stima 2021.

Jemenda r-regola 2 tar-regoli prinċipali.

2. Fil-paragrafu (a) tar-regola 2 tar-regoli prinċipali, il-kliem "ma jkunx ta' aktar minn disat elef u seba' mitt euro (€9,700)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ma jkunx ta' aktar minn disat elef tmien mija u erbgħin euro (€9,840)".